# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 20**

**Rikors numru 352/2006 AF**

**Alfred Spiteri u martu Rena Spiteri**

**v.**

**Joseph Cutajar u Stefan Cutajar ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Cutajar u Stefan Cutajar tat-8 ta' Lulju 2015 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Gunju 2015 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tghaddi minflok sabiex tichad it-talbiet tal-appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

2. Rat ir-risposta tal-appell ta' Alfred Spiteri u Rena Spiteri tat-30 ta' Lulju 2015 permezz ta' liema issottomettew illi l-appell odjern ghandu jigi michud bl-ispejjez.

3. Rat l-atti kollha tal-kaz;

4. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

5. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' Gunju 2015 li fil-parti deciziva qalet hekk:

> "Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba ghaliex mhux misthoqqa.
>
> "Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi t-talba billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti; tilqa' t-talbiet tal-atturi u tiddikjara li l-intimati Joseph u Stefan Cutajar huma responsabbli ghall-hsarat li garrbet il-vettura Mercedes dak iz-zmien bir-registrazzjoni LTY 194; tiddikjara illi Joseph Cutajar mhuwiex qieghed josserva l-ftehim tat-30 ta' Marzu 2006 dwar hlas ta' kera; tillikwida d-danni fl-ammont ta' €19,572 (dsatax-il elf hames mija u tnejn u sebghin Ewro) ekwivalenti ghal Lm8400 (tmint'elef u erba' mitt Liri Maltin); tillikwida l-kera dovuta fl-ammont ta' €6990 (sitt elef disa' mija u disghin Ewro) ekwivalenti ghal Lm3000 (tlett elf Liri Maltin); tikkundanna lil Joseph Cutajar u Stefan Cutajar flimkien ihallsu lil Alfred Spiteri u Rena Spiteri is-somma komplessiva ta' €26,562 (sitta u ghoxrin elf hames mija u tnejn u sittin Ewro) ekwivalenti ghal Lm11,400 (hdax-il elf u erba mitt Liri Maltin) bl-ispejjez u imghax kif mitluba fir-rikors promotur.
>
> "Il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kontro talba billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Alfred u Rena Spiteri, tichad it-talbiet ta' Joseph u Stefan Cutajar.
>
> "L-ispejjez tal-kawza kollha jithallsu minn Joseph Cutajar u Stefan Cutajar."

**Ikkunsidrat**

**Legittimu kontradittur**

6. Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw illi mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri jirrizulta car illi l-appellant Stefan Cutajar ma kellu jew ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-appellati ghaliex huwa ma kienx kompartecipi tal-ftehim mal-appellati u konsegwentement ghandu jigi lliberat mill-harsien tal-gudizzju ghaliex l-appellati m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest fil-konfront ta' Stefan Cutajar.

Dan l-aggravju gie irtirat fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Novembru 2020.

**Responsabbilita` tal-appellanti ghad-danni**

7. Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jsostnu illi mill-provi jirrizulta illi huma ma kkagunaw l-ebda danni fil-konfront tal-appellati u li anzi kienu l-appellati li kkawzaw danni lilhom billi qabdu u hadu l-vettura in kwistjoni kontra l-volonta` tal-appellanti b'mod illi l-vettura ma tistax tintuza, bi ksur tal-ftehim ta' bejniethom. Skont l-appellanti Joseph Cutajar kien offra soluzzjoni billi offra li jixtri vettura ohra jew inkella jsewwi l-istess vettura izda l-appellati qabdu u hadu l-vettura minghand it-tellar u

poggew lill-appellanti fl-impossibilita` illi jsewwu l-hsara sabiex tkun tista' tigi solvuta s-sitwazzjoni. Dan ifisser, skont l-appellanti, illi l-azzjonijiet gudizzjarji tal-appellati kienu intempestivi, ukoll ghaliex prezentaw zewg mandati minghajr ma interpellaw lill-appellanti.

8. Illi l-appellati jissottomettu fir-rigward ta' dan l-aggravju illi dan l-aggravju huwa nsostenibbli stante illi mill-provi jirrizulta illi l-vettura mikrija mill-appellati lill-appellant Joseph Cutajar kienet qed tigi misjuqa mill-appellant Stefan Cutajar fil-hin li sehh l-incident u li din il-vettura giet iddikjara *beyond economic repair.* L-appellanti jargumentaw illi ghalhekk hija zbaljata s-sottomissjoni maghmula mill-appellati illi huma kienu fl-impossibilita` li jsewwu l-hsara biex tigi solvuta s-sitwazzjoni peress illi din il-hsara ma setghetx tissewwa. L-appellati jghidu wkoll illi a kuntrarju ta' dak sottomess mill-appellanti t-tellar George Casha xehed quddiem l-Ewwel Qorti illi kien hu stess li talab li l-vettura titnehha mill-garaxx tieghu peress illi c-cirkostanzi kienu jindikaw illi l-vettura ma kinitx ser tissewwa minnu. Huma jargumentaw illi dik il-vettura kienet tikkostitwixxi sors ta' introjtu ghall-appellati li gew imcahhda minnu, apparti li gew ukoll imcahhda mill-vettura innifisha u l-valur intrinsiku taghha u ghaldaqstant ma jistghux jifhmu dan l-argument tal-appellanti meta rrizulta inekwivokabilment illi l-vettura kienet f'idejn l-appellant Stefan Cutajar meta sehhet il-hsara in kwistjoni.

9. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-rigward tar-responsabilita` ghad-danni:

> "Dwar il-mertu, jirrizulta mhux kontradett li l-habta li kienet involuta fiha l-vettura grat unikament tort ta' Stefan Cutajar, il-konvenut iben l-attur l-iehor Joseph Cutajar. Ir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva jikkonferma illi "a tempo vergine": "Cutajar stated that as he was proceeding along St. Anne Street, Floriana, he dozed on the steering wheel and accidentally hit parked vehicle No. JAD 793 and ended up on the bollards securing the USA Embassy" (fol. 84).
>
> "Minn naha l-ohra Joseph Cutajar bhala l-persuna li f'idejh kienet fdata l-proprjetà ta' haddiehor kellu kull obbligu li jharisha skond il-ligi. L-istess ftehim milhuq permezz tal-iskrittura ta' 30 ta' Marzu 2006 kien jipprovdi illi:
>
> "Joseph Cutajar ghandu juza din il-karozza bhala TAXI skond il-ligi u jirrispondi ghad-danni jekk jonqos minn dan. Il-karozza giet konsenjata mis-sid lill-kerrej li accetta fi stat tajjeb, ghandu jzommha fi stat tajjeb u hekk iroddha lura wara l-kirja."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Illi din il-Qorti tqis illi dan l-aggravju tal-appellati manifestament m'ghandux mis-sewwa. Mir-rapport tal-incident esebit mill-Ispettur Pierre Grimaud jirrizulta illi l-verzjoni moghtija *a tempo vergine* minn Stefan Cutajar kienet illi huwa kien raqad waqt li kien qieghed isuq u li kien ghalhekk illi kien sehh l-incident in kwistjoni (*fol.* 85). Illi mill-istess rapport jirrizulta illi fil-hin tal-incident it-triq kienet niexfa u kien hemm vizwali tajba (*fol.* 86). Illi ghalhekk ma jidhirx illi kien hemm xi cirkostanzi illi jezimu lill-appellanti mir-responsabbilita` taghhom li jaghmlu tajjeb ghad-danni subiti mill-appellati.

11. Illi fir-rigward tal-argument tal-appellanti illi l-appellati kienu qabdu u hadu l-vettura minghand it-tellar jirrizulta illi kien it-tellar stess illi kien qalilhom sabiex imorru ghall-vettura, u dan kif jidher mix-xhieda tieghu fis-sens illi "…*wara l-4 gimghat jiena gbidtilhom l-attenzjoni li l-ispazju fil-garaxx ghandi bzonnu u kont ghidt lis-Sur Spiteri biex jigi jiehu l-karozza la darba ma kienux qaluli biex insewwiha…Minn dak iz-zmien 'l hawn ma ergajtx smajt xejn dwar din il-karozza*" (*fol.* 89). Illi ghalhekk dan l-argument tal-appellanti huwa nfondat, specjalment ikkonsidrat illi minn din ix-xhieda jirrizulta illi fi zmien erba' gimghat wara l-incident in kwistjoni l-appellanti kienu ghadhom lanqas biss avvicinaw lit-tellar sabiex jirrangaw il-hsara kkagunata fil-vettura u qatt ma kellmuh wara lanqas, u dan minkejja illi originarjament z-zewg partijiet kienu marru jkellmu lil Casha flimkien dwar stima ghat-tiswijiet (*fol.* 134). Illi ghalhekk lanqas biss jirrizulta illi huma kienu ghamlu xi sforz sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsara kkagunata fil-vettura tal-appellati, kif jippruvaw jaghtu l-impressjoni li ghamlu fir-rikors taghhom.

12. Illi inoltre, in-nuqqas da parti tal-appellati illi jinterpellaw lill-appellanti sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat subiti minnhom zgur li m'ghandux l-effett illi jezimi lill-appellanti milli jaghmlu tajjeb ghall-hsara ikkagunata minnhom. Dan ikkonsidrat illi m'huwiex ikkontestat mill-appellanti illi l-vettura kienet qed tigi misjuqa mill-appellant Stefan Cutajar meta sehh l-incident in kwistjoni. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tqis illi din

hija l-aktar verzjoni attendibbli, ikkonsidrat illi din il-verzjoni kienet inghatat *a tempo vergine,* u kkonsidrat ukoll illi l-appellanti bl-ebda mod ma impunjaw dan l-*istatement* moghti minn Stefan Cutajar. Illi fid-dawl ta' dan din il-Qorti tqis illi l-appellati ma kellhom bzonn igibu l-ebda prova ohra dwar il-htija ta' Stefan Cutajar ghall-incident in kwistjoni ghaliex dan huwa kaz klassiku ta' *res ipsa loquitur.* Kif jinghad minn Giorgi fit-trattat tieghu Obbligazioni (Vol. V, p. 157):

> "Vi sono fati dannosi che non si sa se siano l'effetto di umana malizia, negligenza o imperizia, o se siano l'effetto di fortuito … o bene, in questi casi la colpa dev'essere provata direttamente. Vi sono, per contario, altri fatti dannosi che portano l'impronta della colpa, perche' le nove volte su dieci dipendono appunto dalla umana malizia o imperizia. E quindi manifesto che in tali casi puo' bastare la prova del danno, perche' la colpa ne emerga come naturale presunzione, e debba l'autore del danno assumere la prova del fortuito, se voglia liberarsi."

13. Illi mhux kontestat ukoll illi l-appellant Joseph Cutajar assuma obbligu kuntrattwali espress illi jirritorna lura l-vettura fi stat tajjeb lill-appellati fi tmiem il-kirja, xi haga li manifestament m'ghamilx. Mix-xhieda prodotti quddiem l-Ewwel Qorti rrizulta illi l-vettura tal-appellati sofriet danni tant illi kienet *beyond economical repair.* Illi ghaldaqstant jirrizulta manifestament illi l-appellant Stefan Cutajar ikkawza danni lill-appellati billi kien involut f'incident meta raqad waqt li kien qieghed isuq, li wassal sabiex il-vettura tigi ddikjarata *beyond economic repair* u jirrizulta wkoll illi Joseph Cutajar naqas mill-obbligu kuntrattwali tieghu illi jirritorna lura l-vettura lill-appellati fi stat tajjeb.

14. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis illi dan l-aggravju tal-appellanti huwa nfondat u l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti rigward ir-responsabbilita` ghad-danni ghandha tigi kkonfermata.

**Hlas tal-perjodu di fermo**

15. Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jissottomettu illi l-kirja tal-perjodu *di fermo* m'hijiex dovuta u dan ai termini tal-Artikolu 1571 tal-Kapitolu 16 li jipprovdi ghall-hall tal-lokazzjoni jekk il-haga tigi meqruda ghal kollox jew in parti. Huma jsostnu illi huwa irrelevanti jekk dan l-istat tal-vettura avverax b'accident jew bi htija tal-kerrej. Jargumentaw illi t-test tal-ligi li l-Qorti trid tiffoka l-attenzjoni taghha fuqu huwa jekk il-vettura gietx meqruda ghal kollox b'accident, u mill-provi jirrizulta illi l-vettura giet meqruda ghal kollox u wkoll illi giet distrutta f'accident stradali. L-appellanti jargumentaw illi ma ngabet l-ebda prova mill-appellati illi l-incident stradali li kien involut fih l-appellant Stefan Cutajar sehh minhabba eghmil doluz jew kolpuz tal-agent u allura issehh l-effikacja tal-kaz fortuwitu. Ghalhekk skont huma l-Ewwel Qorti kellha tiddeciedi illi l-vettura giet meqruda ghal kollox b'accident matul il-kirja u li ghalhekk qatt ma setghet tordna illi huma ghandhom ihallsu s-somma ta' Lm3,000 dovuti bhala kirja ghall-perjodu *di fermo* kif stabbilit fl-iskrittura ta' lokazzjoni.

16. Illi l-appellati jirribattu illi dan l-argument huwa legalment insostenibbli ghaliex il-kawsola relattiva fl-iskrittura ta' lokazzjoni tiddikjara kategorikament "Ghal zmien sena *di fermo* millum" u ghaldaqstant l-appellant Joseph Cutajar kellu dritt li jaghmel uzu mill-vettura hekk lokata kif ukoll kien marbut illi jzommha fi stat tajjeb, jirritornaha fl-istess kundizzjoni eghluq iz-zmien tal-lokazzjoni u illi jhallas kera ghal zmien sena. Huma jissottomettu illi l-appellant Joseph Cutajar naqas ghal kollox milli jwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu u unilaterament u arbitrarjament waqaf milli jwettaq il-hlas dovut ai termini tal-ftehim accettat minnu, meta huwa kellu jipproponi kawza *ad hoc* ghar-rexissjoni tal-kuntratt sabiex il-hlas ta' kera jkun jista' jigi sospiz jew terminat.

17. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward:

> "L-atturi soffrew ukoll danni fin-nuqqas ta' introjtu li kellhom jippercepixxu mill-uzu tat-taxi. Jirrizulta illi, skond il-ftehim mal-konvenut Cutajar, thallsu biss zewg pagamenti ta' Lm60 'l wiehed. Ghalhekk l-atturi gew li tilfu Lm3000 mill-kera li kienet tithallas lilhom."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

18. Illi din il-Qorti rat illi dan l-argument ibbazat fuq ix-xoljiment *ipso jure* tal-kuntratt ta' kera bejn l-appellati u l-appellant Joseph Cutajar ma tqajjimx mill-appellanti quddiem l-Ewwel Qorti, la fir-risposta guramentata tal-appellanti u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. Illi huwa

risaput illi Qorti ta' revizjoni ma tistax tezamina l-mertu ta' kwistjoni *noviter deductus* f'rikors tal-appell.[1] Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Yvonne Pullicino vs Edgar Mifsud** (App, 12/11/2003):

> "Ma jidhirx li f'din is-sede huwa lecitu li l-appellanti jqanqlu materja ta' din ix-xorta, kemm ghax dan ikun qed jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt ghal doppio ezami kemm ghaliex bhala regola generali l-appell huwa revizjoni tal-process tal-ewwel istanza, u l-kawza ma ghandiex issir mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Appell."

19. Illi ghaldaqstant, galadarba dan huwa argument illi ma tqajjimx mill-appellanti fl-ewwel istanza, il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**Il-quantum tad-danni**

20. Illi l-appellanti jargumentaw illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellati ma gabux prova tal-valur tal-vettura li kienet giet mikrija lilhom izda strahet fuq il-valur tal-vettura akkwistata ghall-prezz ta' Lm4,500 sabiex tirrimpjazza l-vettura Mercedes. Skont huma dan wassal lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni zbaljata, peress illi l-Ewwel Qorti kellha tistrieh fuq il-valur li kellha l-vettura Mercedes qabel l-incident u tillikwida bhala danni d-differenza bejn il-valur tal-istess vettura qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghaliex dawk huma d-danni sofferti mill-appellati.

---

[1] Ara per ezempju: **Carmel Galea v. Albert Mizzi** (Appell Civili, 23/04/2001); **Raymond Borg vs HallMann Ltd** (Appell Civili, 21/10/2003); **David Chetcuti v. Richard Kandler** (Appell Civili, 15/11/2006); **Adrian Busietta pro et noe v. Philip Gatt** (Appell Civili, 30/05/2008); **Michael George Done v. Rimus Riley Limited** (Appell Civili, 27/02/2009).

21. Fir-rigward tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti relattivi ghall-ispejjez tal-hazna tal-vettura jsostnu illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi peress illi ghall-ewwel sentejn tal-hazna, u cioe` is-snin 2006 u 2007, l-appellati kienu hallsu Lm140 lil certu Mark Cauchi, u dan jinsab ikkonfermat mill-appellat Alfred Spiteri fl-affidavit tieghu, u minn Mark Cauchi wkoll. Jargumentaw illi apparti minn dan irrizulta wkoll illi l-appellati kienu hallsu s-somma ta' Lm200 ghall-kera ta' sena bil-quddiem lil certu Emanuel Micallef, filwaqt li ma ngabet l-ebda prova ta' pagamenti ulterjuri. Huma jargumentaw ukoll illi din il-pretiza hija wahda kapriccuza peress illi ma kienx hemm ghalfejn li l-atturi jidhlu fi spejjez sabiex jikru garaxx biex jahznu ir-*wreck* tal-vettura in kwistjoni, fid-dawl tal-fatt illi d-dannegjat ghandu l-obbligu li jimminimizza d-danni.

22. L-appellanti jargumentaw fir-rigward tas-somma ta' Lm1,000 li kienet thallset fuq l-iskrittura illi mid-dicitura ta' din l-iskrittura huwa car illi l-appellanti kien hallas din is-somma sabiex jaghmel tajjeb ghal dawk il-hsarat illi setghu jinqalghu. Skont huma ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma haditx dan il-fatt in konsiderazzjoni u ma naqqsitx is-somma ta' Lm1,000 mill-quantum ta' danni llikwidati minnha sabiex tinkludi s-somma ta' Lm1,000 li skont l-iskrittura kellha taghmel tajjeb ghall-hsarat.

23. Fir-rigward tal-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti bhala nuqqas ta' qliegh, l-appellanti jissottomettu illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellat ma setax jopera zewg taxis hu stess u ghaldaqstant il-qliegh kien soggett illi jsib persuna ohra li kienet disposta li topera din il-vettura.

24. Illi l-appellati jirribattu illi mill-provi jirrizulta illi huma kienu kostretti jixtru vettura ohra sabiex il-licenzja tal-vettura lokata lil Joseph Cutajar tkun tista' tigi trasferita fuq vettura ohra li kienet addattata sabiex tintuza bhala taxi, peress illi r-registrazzjoni ta' taxi ma tistax issir fuq vettura jekk din ikollha aktar minn ghaxar snin. Isostnu illi ghalhekk sabiex jigu reintegrati fil-posizzjoni li kienu qabel ma sehh l-incident l-appellanti ghandhom jirrifondu s-somma ta' €10,482.18 (ekwivalenti ghal Lm4,500).

25. Rigward l-argument relattiv ghad-danni likwidati ghall-hazna tal-vettura wara l-incident isostnu illi dan l-argument huwa nsostenibbli in kwantu rrizulta ampjament mill-provi illi l-appellati kienu gew kostretti li jikru garaxx li fih setghu izommu din il-vettura pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri. Skont huma, il-fatt li ma kienx prattikabbli li tissewwa l-vettura ma kienx ifisser illi huma kellhom il-liberta` li jiddisponu mill-vettura sakemm dawn il-proceduri jghaddu in gudikat. Huma jargumentaw illi kien kagun tal-appellanti stess illi kienu baqghu jzommu din il-vettura peress illi kienu l-appellanti li ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni illi kien

qieghed izzommhom milli b'xi mod inehhu jew jiddisponi mill-vettura targata Mercedes Benz 123.

26. Illi rigward is-somma ta' Lm1,000 ekwivalenti ghal €2,329.37 jargumentaw illi din is-somma kienet thallset bhala rigal u ghalhekk hija zbaljata t-tezi tal-appellanti illi ghandha tigi mnaqqsa mid-danni li gew likwidati favur l-appellati.

27. Rigward id-danni likwidati bhala telf ta' qliegh sostnew illi jirrizulta provat illi l-vettura in kwistjoni kienet irregistrata bhala taxi u li kienet qed tintuza regolarment bhala taxi u ghalhekk kellha l-potenzjal li tiggenera qliegh ghall-appellati. Huma jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet ferm konservattiva fil-likwidazzjoni ta' danni rapprezentanti telf ta' qliegh u li ghalhekk dan l-aggravju m'huwiex gustifikat.

28. Illi dwar dan l-Ewwel Qorti kkonsidrat illi:

> "Kawza tal-incident, il-vettura giet reza "beyond economical repair". Dan il-fatt ukoll ma giex kontradett. Philip Attard, Surveyor jiccertifika dan (ara fol. 23) u jerga kkonfermah meta ta' xhieda viva voce (fol. 72). George Casha, panel beater jixhed inoltre illi ghalkemm l-istima tieghu kienet li l-vettura kellha bzonn Lm2500 spejjez biex tissewwa, dan ma setax ikun cert ghax setghu johorgu iktar hsarat meta jibda z-zarmar talvettura (ara fol. 88).
>
> "Ghalkemm il-valur tal-vettura ma jirrizultax mill-provi prodotti, jirrizulta però illi sabiex tigi rimpjazzata b'vettura ohra li tkun idoneja skond ir-regoli vigenti sabiex tintuza bhala taxi, Alfred Spiteri kellu jakkwista vettura ghall-prezz ta' Lm4500 minghand Michael Attard Limited (ara dok. a fol. 191). Christopher Darmanin mill-Awtorità dwar it-Trasport jikkonferma illi "Hija policy tal-Awtorità illi ma jigux registrati taxis li jkunu eqdem minn 10 snin." (ara fol. 64)."

L-istess Stefan Cutajar jikkonferma illi:

> "Jiena naf kif tahdem is-sistema tal-ADT biex il-pjanci ta' taxi jigu trasferiti minn karozza ghal ohra. Jiena naf illi biex tigi registrata bhala taxi, karozza ma jridx ikollha izjed minn certu zmien, però dan sakemm ma tkunx ilha registrata hekk, cioè bhala taxi. Karozza privata bilfors trid tkun anqas minn 10 snin u jkollha air-conditioning fiha."
>
> "Inoltre, l-attur Alfred Spiteri rnexxielu jippruvaw illi huwa qieghed ibati ukoll spejjez ghall-hazna tal-vettura fl-ammont ta' Lm200 fis-sena (ara fol. 115). Sa llum ghalhekk din l-ispiza lahhqet ukoll is-somma ta' Lm1500. L-atturi soffrew ukoll danni fin-nuqqas ta' introjtu li kellhom jippercepixxu mill-uzu tat-taxi. Jirrizulta illi, skond il-ftehim mal-konvenut Cutajar, thallsu biss zewg pagamenti ta' Lm60 'l wiehed. Ghalhekk l-atturi gew li tilfu Lm3000 mill-kera li kienet tithallas lilhom. Inoltre, jirrizulta pruvat illi l-plates tattaxi setghu jibdew jintuzaw mill-gdid f'Jannar 2008. Ghal dan il-perjodu l-Qorti ser takkorda danni bazati fuq l-istess cifra ta' Lm60 fil-gimgha.
>
> "L-atturi jsostnu li d-danni ghandhom jigu kalkolati fuq dak li fil-fatt kien jaqla' bit-taxi Stefan Cutajar però l-Qorti ma taqbilx, u dan ghaliex il-vettura mertu ta' din ilkawza hija t-tieni taxi appartenenti lill-attur, li ma jistax fizikament ghalhekk jadoperahom it-tnejn fl-istess hin. Ilqliegh tieghu mit-tieni taxi jista' jigi biss milli jikriha lil terz kif fil-fatt kien ghamel lil Joseph Cutajar. Ghalhekk il-Qorti qed tillikwida l-ammont ta' Lm60 fil-gimgha ghall-perjodu ta' ghaxar snin bejn April 2007 sa Jannar 2008, cioè Lm2400. Komplessivament ghalhekk il-Qorti qed tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm5400."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

29. Illi fir-rigward tas-somma likwidata fl-ammont ta' Lm4,500 rapprezentanti l-valur tal-vettura mixtrija mill-appellati sabiex tigi rrimpjazzata l-vettura li kienet giet mikrija lill-appellanti, din il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta ampjament illi sabiex l-appellati jkunu jistghu jitrasferixxu l-pjanci tal-licenzja ta' taxi illi kellha l-vettura in kwistjoni huma

kellhom necessarjament jakkwistaw vettura ohra li kienet idoneja sabiex tintuza bhala taxi. Mill-provi jirrizulta illi sabiex setghu jaghmlu dan l-appellati kellhom jakkwistaw vettura ohra li kellha anqas zmien minn dik mikrija lill-appellanti peress illi, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Christopher Darmanin, rapprezentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport, vetturi li jkunu eqdem minn ghaxar snin ma jigux irregistrati bhala taxis (*fol.* 64).

30. Illi huwa principju risaput u assodat fil-gurisprudenza illi d-danni likwidati mill-Qorti ghandhom kemm jista' jkun jirreintegraw lid-dannegjat fil-posizzjoni li kien fiha qabel l-event dannuz. Illi f'dan il-kaz, is-sitwazzjoni li l-appellati kienu fiha qabel l-incident in kwistjoni kienet illi huma kienu proprjetarji ta' vettura rregistrata bhala taxi, u huwa dan il-fattur relevanti li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat il-quantum ta' danni li ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-appellanti. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienet gusta u qed tigi kkonfermata.

31. Illi fir-rigward tad-danni likwidati ghall-hazna tal-vettura l-Qorti tibda billi tirrileva illi l-appellanti ghandhom ragun isostnu illi d-dannegjat ghandu obbligu legali li jimminimizza l-hsara subita minnu. Illi pero mill-provi jirrizulta illi l-appellanti stess zammew lill-appellati milli jaghmlu dan, billi prezentaw kontra taghhom mandat ta' inibizzjoni permezz ta' liema zammewhom milli b'xi mod jiddisponu mill-vettura in kwistjoni. Illi fil-fatt,

fid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet inversi (*fol.* 206) gie ordnat illi "Il-vettura prezentement bil-plates LTY 194 tal-marka Mercedes Benz tibqa' ma tistax tigi trasferita" u dan wara mandat ta' inibizzjoni prezentat mill-appellanti sabiex l-appellati jigu inibiti milli b'xi mod jaljenaw il-vettura in kwistjoni bhala garanzija ghall-pretensjoni taghhom ta' danni illi kienu ressqu permezz ta' kontro-talba f'dawn il-proceduri (*fol.* 150 – 151). Illi ghalhekk ma tista' tigi addebitata l-ebda htija lill-appellati illi ma ddisponewx mir-*wreck* tal-vettura u inkorrew spejjez ghall-hazna taghha, galadarba kienu l-appellanti stess illi geghluhom jaghmlu dan minhabba l-mandat ta' inibizzjoni prezentat minnhom.

32. Illi fl-affidavit tieghu l-appellat Alfred Spiteri xehed illi huwa kien qieghed jikri garaxx sabiex jahzen din ir-*wreck* minghand certu Mark Cauchi ghall-prezz ta' Lm140 fis-sena (*fol.* 44). Din ix-xhieda giet ikkonfermata mill-istess Mark Cauchi (*fol.* 90), li pprezenta zewg ricevuti li jkopru s-snin bejn il-15 ta' Mejju 2006 u s-16 ta' Mejju 2008 (*fol.* 92 u *fol.* 93). Illi giet prezentata ricevuta ohra ghall-hlas ta' €465.87 (ekwivalenti ghal Lm200) ghall-kera ta' garaxx ghall-istess skopijiet, imhallsa fl-1 ta' April 2008 (*fol.* 106), li giet ikkonfermata minn Emanuel Micallef waqt id-deposizzjoni tieghu (*fol.* 115). Illi flimkien mar-rikors tal-appell taghhom l-appellati pprezentaw kopja ta' hames ricevuti (*fol.* 409 – 411) rapprezentati l-kirja ta' garaxx ghas-snin 2008 – 2012. Illi pero`

dawn ir-ricevuti (hlief ghal dik tas-sena 2008) ma gewx ikkonfermati bil-gurament ta' min harighom, u lanqas ma giet prezentata kopja awtentikata taghhom, u ghalhekk din il-Qorti m'hijiex ser tiehu konsiderazzjoni taghhom. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti t-total li ghandu jkun dovut mill-appellanti ghall-ispejjez inkorsi mill-appellati ghall-hazna tar-*wreck* tal-vettura in kwistjoni huwa fl-ammont ta' elf, mija u tmien ewro u tlett centezmi (€1,108.03) u mhux is-somma ta' €3,488.72 (Lm1,500) likwidata mill-Ewwel Qorti, peress illi din hija s-somma li l-appellati irnexxilhom jippruvaw skont il-ligi.

33. Illi rigward il-quantum ta' danni likwidat mill-Ewwel Qorti bhala nuqqas ta' qliegh, din il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellanti illi l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi ma tressqet l-ebda provi illi l-appellati kienu sabu persuna ohra li kienet lesta li topera t-taxi l-iehor ghalihom, jew li kienet lesta illi tikrih. Illi ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-unika ammont li ghandu jigi likwidat bhala telf ta' qliegh ghandu jirrifletti biss dik is-sena illi l-vettura kellha tkun mikrija lil Joseph Cutajar, bis-somma ta' Lm60 fix-xahar, ghal total ta' Lm720, mil-liema kienu diga` thallsu Lm120, u ghalhekk id-danni rapprezentanti telf ta' qliegh huma fis-somma ta' Lm600, ekwivalenti ghal elf, tliet mija u hamsa u disghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,395.34) is-somma ta' €6,976.74 (Lm3,000) illikwidata mill-Ewwel Qorti.

34. Illi fir-rigward tat-tnaqqis ta' Lm1,000 illi l-appellanti jikkontendu li kellu jsir mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti rat illi l-klawsola li ghaliha jaghmlu referenza l-appellanti taqra hekk: "Joseph Cutajar hallas lil Alfred Spiteri li jiddikjara li rceva ELF LIRA bil-patt illi **jekk is-sena tal-kirja tghaddi, din is-somma tibqa' ta' Alfred Spiteri**" (*fol.* 4) [enfazi ta' din il-Qorti]. Illi ghalhekk huwa car illi l-argument tal-appellanti illi din is-somma kienet thallset lill-appellati sabiex tkun tista' taghmel tajjeb ghal xi danni m'ghandiex mis-sewwa, ghaliex mid-dicitura ta' din il-klawsola huwa aktar verosimili illi l-hlas ta' Lm1,000 kien qieghed isir bhala rigal ghall-kirja, u fil-fatt il-patt kien illi din is-somma tibqa' ta' Alfred Spiteri jekk il-kirja issehh fl-intier taghha. Illi ghaldaqstant dan l-aggravju m'huwiex gustifikat u qed jigi michud.

35. Illi fid-dawl ta' dak kollu, din il-Qorti tqis illi s-somma komplessiva li ghandha tithallas mill-appellanti lill-appellati hija ta' tmintax-il elf, hames mija u disgha u disghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€18,599.91).

**Imghax**

36. Illi l-appellanti argumentaw illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza illi l-imghax ghandu jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Huma jsostnu illi l-pretensjoni tal-appellati qatt ma kienet maghrufa hlief fl-istadji finali tal-kawza meta giet prezentata n-nota ta' sottomissjonijiet,

li jirrizulta wkoll mill-fatt illi l-appellati lanqas kienu interpellaw lill-appellanti ufficjalment, u dan minkejja li l-appellant Joseph Cutajar kien ghamel offerta verbali.

37. Illi l-appellati ma ressqu l-ebda argument fir-rigward ta' dan l-aggravju.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

38. Illi din il-Qorti tqis illi dan l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat, u dan a bazi tal-principju *in illiquidis non fit mora*. Dan kif jinsab konfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Cutajar v. Francis Fenech** (Appell, 15/03/2005) fejn gie deciz illi:

> "Dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likkwidat. Il-principju hu li ***in illiquidis non fit mora*** ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni ddebitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora."

39. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis illi dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie ordnat illi l-imghax jibdew jiddekorru kif mitlub fir-rikors guramentat, u cioe mid-data tar-rikors guramentat tal-appellati, ghandha tigi revokata, u minflok l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' in parti l-appell ta' Joseph Cutajar u Stefan Cutajar u tvarja s-sentenza appellata billi tikkundanna lill-appellanti Joseph Cutajar u Stefan Cutajar sabiex ihallsu in solidum lill-appellati Alfred Spiteri u Rena Spiteri is-somma komplessiva ta' tmintax-il elf, hames mija u disgha u disghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€18,599.91) hekk kif likwidata minn din il-Qorti, bl-imghax jibda jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjez taz-zewg proceduri jithallsu in kwantu ghal hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mill-appellati u hamsa u sebghin fil-mija (75%) mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr